MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru. 661/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**KONTRA**

**GEORGE FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

George Farrugia ta' 59 sena, bin Anthony u Rosina nee' Saliba, mwieled Hal- Qormi nhar l- 20 ta' Jannar 1952, residenti Casa Farrugia, Triq Pawlu Debono, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 798652M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar it- 8 ta’ Marzu 2008, ghall- habta tal-4.00pm, fi Triq il- Princep Baziliku Zebbug, Malta, bil-hsieb li jikkommetti ferita’ ta’ natura gravi liema ferita setghet iggib periklu tal- hajja jew ta’ debbulizza permanenti fis- sahha jew fil- funzjoni ta’ xi parti tal- gisem jew ta’ difett permanenti f’ part ital- ghamla tal- gisem ta’ Michael Saliba billi wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id- delitt meta saq il-vettura tieghu tal- ghamla Peugeot 306 Maroon bin-numru ta’ registrazzjoni JAE 635 u biha tajjar lill- istess Michael Saliba u aktar;

2) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bl- att maghmul minnu ikkaguna lil Michael Saliba griehi ta’ natura hafifa skont kif gie ccertifikat minn Dr. Moira Grech mill- casualty tal- isptar Mater Dei;

3) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkotanzi, saq vettura b’ numru ta’ registrazzjoni numru JAE 635 b’ nuqqas ta’ kont, bi traskuragni u b’ mod perikoluz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza tittratta incident bejn zewg familji li grat nhar l-Elezzjoni Generali tal-2008. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fid-data u l-hin indikati meta laqat lil Michael Saliba, li kien miexi fl-istess triq, bil-mera tal-vettura, u allegatament ikkagunali griehi. Fuq dan l-

incident qam kjass shih bejn il-familji, sar rapport lill-Pulizija, u ttiehdu l-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-imputat assolutament mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet. Gew prodotti provi konfliggenti dwar l-incident kollu, kemm dwar kif sehh l-incident innifsu kif ukoll dwar il-volontarjeta' o meno tal-griehi sofferti minn Saliba. Il-Qorti tara li l-verzjoni moghtija mill-imputat dwar il-verzjoni ta' fatti hija hafna aktar verosimili minn dik moghtija minn Saliba, u din il-verzjoni hi dejjem kostanti, sa mill-istqarrija moghtija mill-imputat sa meta xehed viva voce quddiem il-Qorti. Mill-assjem tal-provi, ghalhekk, il-Qorti ma tarax li l-imputat kellu l-intenzjoni li jolqot lil Saliba. Huwa aktar probabbli li kien Saliba stess li hareg fit-triq ghall-imputat u ntlaqat mil-mera tal-vettura misjuqa mill-imputat. Li kieku l-imputat verament ried jolqot lil Saliba b'sahha u ma rnexxielux, kieku kien jaghmel manuvri ohra bil-vettura tieghu, jew tal-anqas jipprova jwettaq ir-rieda tieghu li jwegga' lil Saliba billi johrog mil-vettura u jaghmel ghalih. Li gara izda kien proprju l-kunrarju ta' dan, u ghalhekk ma kien hemm ebda intenzjoni li Farrugia jolqot lil Saliba. L-incident kien wiehed ghal kollox fortuwitu u kkagunat minn Saliba stess. L-anqas ma rrisulta xi sewqan traskurat u perikoluz minn Farrugia.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 41, 216 u 221 tal- Kapitolu 9 u u l-Artikolu 15 (a) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------